# Tenpin Bowling: Malta tirbaħ żewġ midalji oħra fil-Kampjonati tal-Mediterran

Is-Sibt, 1 ta' April 2017




Mark Spiteri u Sue Abela jiċċelebraw

Waqt li bħalissa qed isiru l-Kampjonati Mediterranji tat-Tenpin Bowling, Malta kisbet żewġ midalji oħra. Mark Spiteri kiseb it-tielet post wara li rebaħ kontra l-plejer Grieg Evangelos Krizzini.

Sue Abela, meqjusa bħala r-Reġina tal-Mediterran lagħbet kontra l-Maltija ta’ 15-il sena Sara Xuereb, hawnhekk Abela għelbet lil Xuereb biex kwalifikat għas-semi finali, biex fis-semi

finali hi għelbet il-plejer Ċiprijott u għaddiet għal finali. Fil-finali hi tilfet kontra l-Franċiż Alexandre Lopes biex b'hekk ġiet fit-tieni post u kisbet il-midalja tal-fidda.

Malta kklassifikat fl-ewwel post fil-klassifika globali wara li għelbet il-Greċja b'żewġ midalji tad-deheb b'vantaġġ.

| National | Gold | Silver | Bronze |
|---|---|---|---|
| Malta | 39 | 25 | 33 |
| Greece | 37 | 29 | 31 |
| France | 22 | 15 | 14 |
| Italy | 19 | 31 | 35 |
| Israel | 14 | 14 | 23 |
| Spain | 11 | 19 | 13 |
| Turkey | 8 | 12 | 11 |
| Cyprus | 7 | 8 | 11 |
| Slovenia | 6 | 8 | 9 |
| Catalonia | 4 | 7 | 6 |
| Croatia | 1 | 0 | 2 |
| San Marino | 0 | 1 | 1 |
| Gibraltar | 0 | 0 | 1 |
| Tunisia | 0 | 0 | 0 |

http://www.bowlingdigital.com/alexandra-lopez-anze-grabrijan-win-mbc-masters-titles/

http://www.bowlingdigital.com/slovenia-malta-capture-mens-and-women-doubles-gold-in-ljubljana/

http://www.bowlingdigital.com/sue-abela-valentin-saulnier-kick-off-mbc-with-victory-in-singles/